



Brussell, 15 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5862/22

LIMITE

TELECOM 34
COASI 23
RELEX 122
COMPET 67
ASIE 8
SERVICES 1

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Sħubijiet diġitali mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea u Singapore
- Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strumenti mhux vinkolanti

1. Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni ġie infurmat mill-Kummissjoni Ewropea, permezz ta' nota¹, bl-intenzjoni tagħha li tibda diskussionijiet dwar sħubijiet diġitali individwali mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u Singapore bil-ħsieb li tiġi stabbilita kooperazzjoni dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà.
2. Il-Kummissjoni ċċarar li s-Sħubijiet Diġitali ser jieħdu l-forma ta' strumenti mhux vinkolanti u għalhekk ma jkollhom l-ebda effett legalment vinkolanti jew implikazzjonijiet finanzjarji għall-Unjoni Ewropea. Huma għandhom jindirizzaw l-erba' pilastri tal-Kumpass Diġitali tal-UE²: l-infrastruttura, il-ħiliet, it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, u jistgħu jinkludu oqsma oħra li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni diġitali u kummerċjali.

¹ WK 15233/2021.

² https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-digital-compass-2030_en.pdf

3. L-ġħan tal-Kummissjoni huwa li tikkonkludi t-tliet Sħubijiet Diġitali matul l-2022. Il-Kummissjoni ser tinforma regolarmen lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni u gruppi rilevanti oħra dwar l-iżvilupp tas-sħubijiet diġitali matul l-2022 u ser tfitdex il-kontribut tal-Istati Membri dwar il-firxa u r-riżultati ta' kull waħda minn dawn is-sħubijiet.
4. Fi tmiem in-negożjati dwar il-kwistjoni, huwa mifhum li l-Kummissjoni ser terġa' lura għand il-Kunsill biex titlob l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-iffirmar ta' kull Sħubija Diġitali f'konformità mal-arranggmenti dwar strumenti mhux vinkolanti³.
5. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni fl-10 ta' Frar, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni addizzjonali dwar is-sħubijiet diġitali, b'mod partikolari l-iskeda ta' żmien għan-negożjati u l-oqsma ta' kollaborazzjoni identifikati. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tidentifika diversi oqsma ta' kollaborazzjoni, jiġifieri l-infrastruttura, it-trasformazzjoni diġitali tan-negożji, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-ħiliet diġitali. L-ewwel skambju tekniku ġie organizzat mal-Ġappun f'Jannar u minn Marzu huma ppjanati aktar sessjonijiet ta' ħidma tekniċi mar-Repubblika tal-Korea u Singapore.
6. Abbażi ta' dan, id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda oġġezzjoni sabiex il-Kummissjoni tkun awtorizzata mill-Kunsill biex tinnegozja sħubijiet diġitali mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea u Singapore. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent biex jissuġġerixxi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja dawn is-sħubijiet diġitali.

³ Arranggmenti dwar strumenti mhux vinkolanti konklużi mis-Segretarji Ġenerali tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tas-SEAE f'Diċembru 2017 (ST 15367/17).